Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 41**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta urġenti nhar il-Ħamis 7 t'April 2022 fl-16.16.

Din il-laqgħa kellha ssir online minħabba l-Covid 19, u peress li wħud mill- Membri tal-Kunsill huma anzjani u/jew oħrajn jgħixu ma' persuni vulnerabbli u qegħdin fi kwarantina volontarja u/jew mandatorja.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Maryanne Abela | - | Viċi Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier – 17:00 |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier - 18.20 |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier – 17.32 |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Dep. Segretarju Eżekuttiv

Is- Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Dep.Segretarju Eżekuttiv

**41.1 Approvazzjoni ta' Minuti**

41.1.1 Il-Minuti tas- Seduta Nru.40, dawn ġew approvati. Il-Kunsillier P. Fenech ippropona u l-Kunsillier E. Rossignaud issekonda.

**41.2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

41.2.1 Il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet f'liema stadju waslu x-xogħlijiet ta' IM fi Triq tal-Franċiż. Is-Sindku nforma li skond l-aħħar informazzjoni jidher li sabu xi problemi fis-sistema ta' drenaġġ Sfortunatament m'għandna l-ebda indikazzjoni ta' meta dawn se jitlestew.

41.2.2 Il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet jekk hemmx xi pjan meta se jiġu nstallati dog-bins fil-Madliena. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li dawn se jkunu qed jitwaħħlu hekk kif il-kuntrattur se jkun disponibli. Is-Sindku nforma li sfortunatament jidher li qed ikun hemm dewmien sabiex issiru ċertu xogħlijiet. Għaldasqtant huwa talab sabiex issir laqgħa mal-kuntrattur ikkonċernat sabiex jiġi stabbilit pjan aħjar ta' kif jista' jitwettaq ix-xogħol fil-lokalita'. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

41.2.3 Il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet fiex wasal il-proġett tal-WIFI4EU. Il-Kunsill ġie infurmat li dan diġa' installat fi 3 postijiet hekk kif pjanat: fis-sala tal-Kunsill, fi Triq is-Sidra k/m Triq il-Qasam u fi Triq is-Swieqi ħdejn il-mini. Dawn l-WIFI spots diġa' qed jaħdmu u jintużaw. Rigward il-possibilta' li tiġi nstallata spot ħdejn il-Forti tal-Madliena, għadna qed nistennew risposta minn naħa tal-Melita plc.

41.2.4 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk il-Community Police Officer ġietx uffiċjalment assenjata għaż-żona tal-Madliena. Is- Sindku nforma li waqt l-aħħar laqgħa li hu kellu mas-Surġent hu ġie infurmat li l-uffiċjal PC Shana hija reponsabli mill-Madliena.

41.2.5 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk intbagħtitx l-ittra lil IM dwar is-sitwazzjoni ta' traffiku fi Triq il-Perkursur. Hija nfurmat li din it-triq saret arterjali u traffiku żdied ħafna. Is-Sindku nforma li din il-problema kienet antiċipata minn qabel u l-IM kienu infurmati minn qabel. Is-Sindku ssuġerixxa sabiex issir laqgħa mal-Ministru kkonċernat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li se jkun qiegħed jibgħat din l-ittra.

Noel Muscat<br>Sindku

Clarissa Buhagiar<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv

**41.2 Punti li joħorġu mill-Minuti- ikomplu**

41.2.6 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ħarġa kulturali ta' Marzu kienet waħda ta' suċċess u r-residenti vera wreq interess. Il-Kunsillier T. Valentino irringrazzjat lil helpers u l-istaff tal-Kunsill ta' l-għajnuna siewja.

41.2.7 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar meta se jiġu installati l-bankijiet fil-Madliena. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li bgħat xi kwotazzjonijiet dwar il-bankijiet u qed jistenna risposta minngħand il-Kunsillieri responsabli.

41.2.8 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk għadhomx l-affeforestation tal-Madliena għadux jiġi *monitored*. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li iva dawn għadhom jiġu mħarsa.

**41.3 Rapport mis- Sindku**

41.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

41.3.2 Is-Sindku ta l-kondoljanzi tiegħu f'isem il-Kunsill kollu lil ex Sindku Sa. Carmen Said għat-telfa ta' raġel tagħha. Huwa offra l-għajnuna tiegħu li Sa. Said f'dal-mument tant diffiċli.

41.3.3 Is- Sindku li flimkien mal-Perirt E. Rossignaud fin-nuqqas tal-Perit A. Valentino iltaqgħu mal-Perit Paul Camilleri dwar il-Madliena Opportunity Site fejn ġew infurmati li saru xi tibdil mill-Heritage Malta. Is- Sindku nforma li l-akbar inkwiet tiegħu huwa l-aċċesibilta' ta' kif dawn it-80 villel se jkunu qed jaċċessaw din iż-żona, iktar u iktar f'każ ta' emerġenza. Hu ndika li l-unika soluzzjoni li jidher li hemm hija dik li tinfetaħ Triq il-Kajjarum

*Il-Kunsillier A. Pisani kienet preżenti fil-17.00.*

41.3.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li sfortunatament jidher li fi Triq is- Swieqi k/m Triq il-Qasam fejn bħalissa qed issiru xogħlijiet minn IM jidher li hemm problema bid-drenaġġ u għalhekk ix-xogħlijiet jidhru li se jieħdu aktar fit-tul.

41.3.5 B' referenza għax-xogħlijiet ta' Triq is-Sidra, is-Sindku nforma li bħalissa qed issiru xi xogħlijiet pero' l-aċċess għal din it-triq kemm jista' jkun qed ikun miftuħ minħabba li bħalissa ma nistgħux nagħlqu wkoll Triq is-Sidra peress li din hija waħda mill-aktar ħruġ li jintuża mill-vetturi. Ix-xogħlijiet se jkunu maqsum fi 3 fażijiet.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |

**41.3 Rapport mis-Sindku – tkompli**

41.3.5 Il-Kunsill għal darb oħra ġie nfurmat li Triq il-Miżura, Triq il-Ħemel, Triq il-Ħawt u Triq l-Ilqugħ huma fi stat ħażin ħafna. Is-Sindku nforma li huwa ta' spiss jikteb lil IM dwar dawn. Hu nforma wkoll li sfortunatament minħabba l-inġenji kbar li jkunu ta' spiss fit-toroq jidher li anke Triq is-Sirk, Triq il-Għajn u Triq il-Ħorża qed jiddeterjoraw.

41.3.6 Il-Kunsill ġie nfurmat li sfortunatament hemm diversi bankini fil-lokalita' li m'humiex fi stat tajjeb u hemm bżonn li jiġu ddentifikati. Il-Kunsillier E. Rossignaud informa li jekk hemm il-bżonn lest li jgħin sabiex jiġu ddentifikati dawn it-toroq.

41.3.7 B' referenza gas-servizzi li kienu jingħataw mill-uffiċini tal-Kunsill tas-Sigurta Soċjali u l-Berġa, is-Sindku nforma li dawn għadhom ma bdewx jingħataw. Hu nforma li ta' sikwit jintbagħtu reminders lid-Dipartiment tas-Saħħa sabiex jitkompla s-servizz tal-Berġa pero' sa llum bqajna bla risposta. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu li għandhom jibqħu jintbagħtu reminders u jekk jista' jkun jiltaqgħu mal-Ministri kkonċernati.

41.3.8 Is-Sindku nforma li fi Ġnien E.Barthet ġiet installata s-sistema tad-dawl u se jitkompla għaddej ix-xogħol neċċessarju. Fil-Ġnien FX Ebejer ġew miżrugħa wkoll xi siġar ġodda. Fi Ġnien M.Caruana Curran ġiet installata *toddlers area* u għaldaqstant l-ewwel fażi hija kważi lesta. Ix-xogħol fil-clubhouse ta' Tennis, huwa miexi u wasal li jibda' jitwaħħal il-madum.

41.3.9 Il-Kunsill ġie infurmat li x-xogħol fuq il-ħitan tas-sejjiegħ huwa lest kollu u kien hemm kummenti sbieħ mir-residenti. Is- Sindku rringrazzja lis-Sur V. Tanti u lil kull min għen sabiex dan il-proġett jkun suċċess.

*Il-Kunsillier M.Bonello kien preżenti fil-17.32.*

41.3.10 Is-Sindku nforma li issa l-Kunsilli Lokali ġew fir-responsabilta' ta'żewġ Membri Parlamentari- l-Onor. O. Bonnici u l-Onor. s-Segretarju Parlamentari A. Zerafa Civelli. Huwa talab sabiex issir laqgħa ta' kortesija.

Noel Muscat — Clarissa Buhagiar
Sindku — Dep. Segretarju Eżekuttiv

**41.4 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

41.4.1 Huwa nforma li DLG għadhom kemm approvaw il-Pre Retirement Leave tiegħu u għalhekk huwa se jkun qed jilimita l-ammont ta' siegħat li se jkun l-uffiċċju sabiex jutilża dan il-leave.

41.4.2 Is- Segretarju Eżekuttiv informa li l-proċess ta'l-innumerar ta' lampi ta' triq huwa miexi sew ħafna. Tant hu hekk li kien hemm min irraporta xi ħsarat ta' dawn il-lampi bin-numri li hemm immarkati fuq dawn l-arbli. Hu nforma li s-Sa. Donna Ellul għandha l-inkarigu ta' dan il-proġett u xtaq jirringrazzjaha ta' xogħol siewi li qed tagħmel. Il-Kunsill kellu kliem ta' tifħir għax-xogħol li qed twettaq f'dan ir-rigward.

**41.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri**

Mill-Kunsillier P. Fenech

41.5.1 Il-Kunsillier informa li minħabba s-sitwazzjoni preżenti ta' bejn ir-Russja u l-Ukranja u minħabba l-ammont għoli ta' każijiet attivi tal-COVID-19 , il-kunċert tal-COSMOS li kien pjanat li ssir kellu jiġi postpost għal ġurnata oħra.

41.5.2 Huwa nforma wkoll li attenda għal seminar onlajn dwar l-possibilta' li napplikaw għal fondi ta' l-EU (SEM) sabiex jibbenifikaw minnhom iż-żgħażagħ.

*Il-Kunsillier A. Chetcuti kien preżenti fis-18.10.*

Mill-Kunsillier A. Pisani

41.5.3 Hija infurmat li sfortunatament toilets li hemm fil-Ġnien ta' Ċentru Ċiviku, ta' spiss qed jkunu maħmuġin tant li ma jkunux jistgħu jiġu użati. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li l-weekend li għadda kieu fi stat diżastruż u hemm bżonn li dawn jibdew jissakru. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Hu nforma li talab għal kwotazzjoni lil Sur C. Mifsud. Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li hija taf b'persuna responsabli li tkun tista' tagħlaq u tiftaħ wkoll.

*Is-Sindku talab sabiex din is-seduta tiġi sospiża sabiex l-Accountant tal-Kunsill jkun jista' jispjega l-Financial Statements għas-sena 2021. Il-ħin kien 18.24. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.*

*L-Accounant tal-Kunsill spjega li għas-sena 2021, il-Kunsill għalaq b' €5,272.00 bħala surplus. Hu spjega li dan surplus huwa wieħed żgħir ħafna u għalhekk hemm bżonn urġenti li wieħed iżżomm f'moħħu x'inhuma vera l-bżonnijiet tal-Kunsill sabiex kemm jista' jkun nevitaw li noperaw b'dejn. Hu nforma li l-ispiża totali relatat ma' ġbir ta' skart hija spiża kbira ħafna. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li dawn l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021 jiġu approvati. Il-Kunsillier P. Fenech ippropona u s-Sindku ssekonda.*

*Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier A. Pisani talbu sabiex jiġu skużati. Il-ħin kien 18.50.*

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |

**41.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri – ikomplu**

Mill-Kunsillier R. Scicluna

41.5.4 Il-Kunsillier staqsiet x'inhi sitwazzjoni dwar il-bords ta' reklamar li hawn installati fil-lokalita'.

Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li sfortunatament m'hemmx ħafna interess sabiex jinkrew dawn il-bords. Hija infurmatu li hemm persuna li kellmitha, hija nteressata ħafna u talbet il-prezz tal-kirja ta' dawn il-boards, biex tkun tista' tirreferi lura lir-resident.

41.5.5 Hija staqsiet jekk kienx hemm xi progress dwar Cultural Application li kienet ġiet sottomessa.

Is- Segretarju Eżekuttiv informa li huwa normali li ndumu xi ftit sabiex ningħataw risposta peress li l-Bord jieħu żmien.

41.5.6 Hi nfurmat li sfortunatment għad hemm borża bi skart miġbur mill-kennies fi Triq il-Miżura. Għaldaqstant hija talbet sabiex kemm jista' jkun malajr issir kuntatt mal-kuntrattur ikkonċernat dwar din il-materja.

41.5.7 Il-Kunsillier irringrazzjat li s-Sa. D. Ellul ta' xogħol siewi li qed issir fl-innumerar tal-lampi ta' triq. Hija temmen li din se tkompli ttejjeb il-mod ta' kif wieħed jista' jirraporta dawn il-ħsarat.

41.5.8 B' referenza għall-għajnuna li kienet ingħata lil dawk il-cat feeders reġistrati, hija staqsiet jekk hux possibli li nergġħu nipprovdu xi boroż ta' l-ikel. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jsir kuntatt mal-Kumitat Reġjonali ta'Lvant sabiex naraw jekk jistgħux jgħinu f' dan ir-rigward.

41.5.9 Rigward il-possibilta' ta' dog park, il-Kunsillier issuġeriet li ssir laqgħa ma' xi residenti li huma nterressati li jipparteċipaw sabiex jgħinu fi tmexxija ta' dog park jekk kemm-il darba dan jkun jista' jsir.

Mill-Kunsillier T. Valentino

41.5.10 Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li sfortunatament l-ħarġa li jmiss kellha titħassar minħabba l-każijiet għoljin tal-COVID. Ir-residenti kienu se jmorru biex jaraw sett ta' vari life size marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira.

41.5.11 Hija ssuġeriet sabiex issir kuntatt ma' l-aġenzija li tipprovdi servizz ta' tranport għall-anzjani sabiex nespoloraw il-possibilta' li jibda' jingħata dan is-servizz fil-lokalita tagħna. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Dep. Segretarju Eżekuttiv

**41.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Bonello

41.5.12 Il-Kunsillier informa li kellu laqgħa ma' rappreżentant tal-Kumitat Reġjonali ta' Lvant dwar attivitajiet sportivi.

41.5.13 Hu nforma li skond rapport li rċieva jidher li hemm xi arblu temporanju fi Triq il-Ħawt ma' Triq C. Triosi. Is- Segretarju Eżekuttiv staqsa sabiex jibgħat ritratt ta' dan l-arblu ħalli jkunu jistgħu jsiru kuntatti ma' l-Enemalta.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

41.5.14 Il-Kunsillier talab sabiex kemm jista' jkun malajr issir pjan għaqli ta' traffic managment fiż-żona ta' Triq il-Qantar/ Triq il-Wiżna u Triq il-Qasam. Is- Sindku nforma li se jkun qed jaħdem fuq din il-materja fil-jiem li ġejjin.

41.5.15 Hu nforma li rċieva rapport dwar skart mormi bl-addoċċ fi drive-ins privati li jkun abbandunati partikoralment fi Triq is-Swieqi.

**41.6 Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri ieħor**

L-iskeda tal-pagamenti nru.33 ġiet approvata minn dawk preżenti.

Din is-seduta spiċċat fit-20.00 u s-seduta li jmiss se ssir nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju 2022 fl-16.00.

Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |